

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2008/0153(COD)

13.11.2008

EMENDI 257 - 364

**Abbozz ta' rapport
Wolf Klinz
(PE412.228v01-00)**

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' liggijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw ma' impriżi ta' investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS).

Proposta għal direttiva
(COM(2008)0458 – C6-0287/2008 – 2008/0153(COD))

AM_Com_LegReport

Emenda 257

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 53 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) għandu jkollha talanqas UCITS alimentatriċi waħda ***bħala titolari ta' unità;***

Emenda

(a) għandu jkollha talanqas UCITS alimentatriċi waħda ***fost it-titolari ta' unità;***

Or. en

Emenda 258

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investiment ta' UCITS alimentatriċi f'UCITS princiċiali determinata jkun soġġett għall-approvazzjoni bil-quddiem mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS alimentatriċi.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investiment ta' UCITS alimentatriċi f'UCITS princiċiali determinata ***li jmur oltre l-limitu applikabbi skont l-Artikolu 50(1) għal investimenti f'UCITS oħra*** jkun soġġett għall-approvazzjoni bil-quddiem mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS alimentatriċi.

Or. en

Emenda 259

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Jekk il-UCITS alimentatriċi tkun digħà żvolġiet attivitajiet bħala UCITS, inkluż bħala UCITS alimentatriċi ta' UCITS

Emenda

2. Il-UCITS alimentatriċi għandha tkun infurmata, sa talanqas 15-il jum tax-xogħol mit-tressiq ta' fajl sħiħ, jekk l-awtoritajiet

prinċipali differenti, il-UCITS alimentatriċi għandha tkun infurmata, sa talanqas 15-il jum tax-xogħol mit-tressiq ta' fajl sħiħ, jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunux approvaw jew le l-investiment tal-UCITS alimentatriċi fil-UCITS prinċipali.

kompetenti jkunux approvaw jew le l-investiment tal-UCITS alimentatriċi fil-UCITS prinċipali.

Or. en

Emenda 260

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 54 – paragrafu 3 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

3. *Fil-każ li l-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali huma stabbiliti fl-istess Stat Membru*, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jagħtu l-approvazzjoni tagħhom jekk il-UCITS alimentatriċi, id-depożitarju u l-awditure tagħha, kif ukoll il-UCITS prinċipali, jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stipulati f'dan il-Kapitolu. Għal dan il-għan, il-UCITS alimentatriċi għandha tipprovd i l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-domiċilju tagħha d-dokumenti li ġejjin:

Emenda

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju **tal-UCITS alimentatriċi** għandhom jagħtu l-approvazzjoni tagħhom jekk il-UCITS alimentatriċi, id-depożitarju u l-awditure tagħha, kif ukoll il-UCITS prinċipali, jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stipulati f'dan il-Kapitolu Għal dan il-għan, il-UCITS alimentatriċi għandha tipprovd i l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħha d-dokumenti li ġejjin:

Or. en

Emenda 261

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-ftehim bejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali msemmi fl-Artikolu 55(1);

Emenda

(c) il-ftehim bejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali **jew it-tmexxija interna tar-regoli kummerċjali** msemija fl-Artikolu 55(1);

Or. en

Emenda 262**Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès****Proposta għal direttiva****Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt e***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(e) dikjarazzjoni mill-UCITS prinċipali li ma żżomm l-ebda unità tal-UCITS alimentatriċi; *imħassar*

Or. en

Emenda 263**Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès****Proposta għal direttiva****Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt f***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(f) fil-każ li l-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jkollhom depożitarji differenti, il-ftehim ta' qsim tat-tagħrif bejn id-depożitarji rispettivi, imsemmi fl-Artikolu 56(1);

(f) jekk l-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jkollhom depożitarji differenti, il-ftehim ta' qsim tat-tagħrif bejn id-depożitarji rispettivi, imsemmi fl-Artikolu 56(1);

Or. en

Emenda 264**Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès****Proposta għal direttiva****Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt g***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(g) fil-każ li l-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jkollhom awdituri differenti, il-ftehim ta' qsim tat-tagħrif bejn l-awdituri rispettivi, imsemmi fl-Artikolu 57(1).

(g) jekk l-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jkollhom awdituri differenti, il-ftehim ta' qsim tat-tagħrif bejn l-awdituri rispettivi, imsemmi fl-Artikolu 57(1).

Emenda 265
Elisa Ferreira

**Proposta għal direttiva
Artikolu 54 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fejn il-UCITS alimentatriċi tinsab stabilita fi Stat Membru differenti mill-UCITS princiċiali, *l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS alimentatriċi għandhom jagħtu l-approvazzjoni tagħhom sakemm ikunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:*

- (a) il-UCITS alimentatriċi, *id-depożitarju u l-awditur tagħha jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan il-Kapitolu, u għal dan il-għan, l-UCITS alimentatriċi tissottometti d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;*
(b) l-UCITS alimentatriċi *turi li l-UCITS princiċiali hija awtorizzata kif xieraq bħala UCITS, li mhijiex UCITS alimentatriċi hi nnifisha, u li ma żżomm l-ebda unità ta' UCITS alimentatriċi.*

Or. en

Emenda

4. Fejn il-UCITS alimentatriċi tinsab stabilita fi Stat Membru differenti mill-UCITS princiċiali, l-UCITS alimentatriċi *għandha wkoll tiprovd rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-UCITS princiċiali li tgħid li l-UCITS princiċiali tissodisfa l-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 53(3). Id-dokumenti għandhom jiġu pprovduti fil-lingwa uffiċċiali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċċiali tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS alimentatriċi jew fil-lingwa approvata mill-awtoritajiet kompetenti tiegħi.*

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li ssaħħa il-garanzija lill-awtorità kompetenti tal-fond alimentatur li jkun hemm superviżjoni adegwata tal-fond princiċiali fl-Istat Membru ta' domiċilju.

Emenda 266

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 54 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fejn il-UCITS alimentatriċi tinsab stabbilita fi Stat Membru differenti mill-UCITS prinċipali, *l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS alimentatriċi għandhom jagħtu l-approvazzjoni tagħhom sakemm ikunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:*

(a) il-UCITS alimentatriċi, id-depożitarju u l-awditure tagħha jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan il-Kapitolu, u għal dan il-għan, l-UCITS alimentatriċi tissottometti d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-UCITS alimentatriċi turi li l-UCITS prinċipali hija awtorizzata kif xieraq bħala UCITS, li mhixiex UCITS alimentatriċi hi nnifisha, u li ma żżomm l-ebda unità ta' UCITS alimentatriċi.

Emenda

4. Fejn il-UCITS alimentatriċi tinsab stabbilita fi Stat Membru differenti mill-UCITS prinċipali, l-UCITS alimentatriċi *għandha wkoll tipprovd rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-UCITS prinċipali li tgħid li l-UCITS prinċipali hija UCITS, jew inkella kompartiment ta' investiment li tagħmel parti minn UCITS, u li tissodisfa l-kundizzjonijiet imniżżla fil-punt (b) u (c) tal-Artikolu 53(3). Id-dokumenti għandhom jiġu provvuti mill-UCITS alimentatriċi fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS alimentatriċi jew fil-lingwa approvata mill-awtoritajiet kompetenti tiegħi.*

Or. en

Emenda 267

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 54 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat
Membru tad-domiċilju tal-UCITS
alimentatriċi għandhom jinfurmaw
minnufih lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-
Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS
prinċipali jekk tkunx ingħatat jew
incāħdet l-approvazzjoni tagħhom.*

imħassar

Or. en

Emenda 268

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jobbligaw lill-UCITS alimentatriċi ***li tiffirma ftehim mal-UCITS prinċipali kkonċernata sabiex il-UCITS alimentatriċi*** tkun tista' tilħaq ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom ***jirrikjedu li l-UCITS prinċipali tiiprovdji lill-UCITS alimentatriċi bid-dokumenti u l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex din tal-aħħar tkun tista' tilħaq ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva. Għal dan l-għan, l-UCITS alimentatriċi għandha tiffirma ftehim mal-UCITS prinċipali.***

Or. en

Emenda 269

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagraphu 2 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Dan il-ftehim għandu jinkludi d-dettalji li imħassar
ġejjin:*

Or. en

Emenda 270

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagraphu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(a) il-karatteristiċi ewlenin ta' l-għan u l-politika ta' l-investiment tal-UCITS
prinċipali;*

Or. en

Emenda 271

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagraphu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(b) ir-regoli li jiggvernaw modifika
possibbli ta' l-għan u l-politika ta' l-investiment tal-UCITS prinċipali;*

Or. en

Emenda 272

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(c) id-drittijiet u l-dmirijiet tal-UCITS
alimentatriċi u tal-UCITS prinċipali, kif
ukoll tal-kumpaniji ta' manġment
rispettivi tagħhom.*

imħassar

Or. en

Emenda 273

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-UCITS alimentatriċi ma għandhiex
tinvesti f'unitajiet ta' dik il-UCITS
prinċipali sakemm il-ftehim imsemmi fis-
subparagrafu 1 ma jkunx daħal fis-seħħħ.

L-UCITS alimentatriċi ma għandhiex
tinvesti f'unitajiet ta' dik il-UCITS
prinċipali sakemm il-ftehim imsemmi fis-
subparagrafu 1 ma jkunx daħal fis-seħħ.
*Dan il-ftehim għandu jkun disponibbli,
fuq talba u mingħajr ħlas, għat-titolari
kollha tal-unitajiet.*

Or. en

Emenda 274

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*1a. Fil-każ li kemm l-UCITS alimentatriċi
kif ukoll dik prinċipali jkunu mmaniġjati
mill-istess kumpanija ta' manġment jew
korp amministrattiv, il-ftehim jista' jkun
sostitwit permezz ta' regoli interni dwar il-*

*kondotta tan-negozju li jiżguraw
konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-
ewwel paragrafu.*

Or. en

Emenda 275
Astrid Lulling

**Proposta għal direttiva
Artikolu 55 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-UCITS prinċipali u ***l-UCITS alimentatriċi għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-ebda unità mill-UCITS prinċipali jew mill-UCITS alimentatriċi ma tista' tinħareġ, tinbiegħ, tinxara mill-ġdid jew tinbiegħ lura għall-istess ġurnata ta' negozju wara li l-UCITS prinċipali jew il-UCITS alimentatriċi jkunu ppubblikaw il-prezz tal-ħruġ, tal-bejgħ, tax-xiri mill-ġdid jew tat-tifdija ta' l-unitajiet tagħhom għal dik il-ġurnata.***

Emenda

2. L-UCITS prinċipali ***għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tikkoadina l-kalendarju tal-kalkolu u tal-pubblikazzjoni tal-valur nett tal-inventarju jew biex tuża tekniki rikonoxxuti, bħall- "fair value pricing", biex jiġu evitati prattiki ta' arbitraġġ bejn il-valur tal-kontabilità u dak tas-suq (« market timing ») għall-kwoti tal-fond tiegħu.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 55(2) jirrikjedi li l-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jeffettwaw il-kalkolu tagħhom tal-valur nett tal-inventarju fl-istess waqt. Dan jista' jillimita l-użu tal-fondi prinċipali-alimentaturi f'ċerti qrat fejn, għal raġunijiet lokali, l-evalwazzjoni għandha ssir f'mument preċiż ferm li mhux dejjem ikun l-istess wieħed meta l-fond prinċipali jeffettwa l-kalkolu tiegħu.

Emenda 276
John Purvis

**Proposta għal direttiva
Artikolu 55 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi għandhom jieħdu l-miżuri

Emenda

2. L-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi għandhom jieħdu l-miżuri

xierqa biex *jīżguraw li l-ebda unità mill-UCITS prinċipali jew mill-UCITS alimentatriċi ma tista' tinħareġ, tinbiegħ, tinxtara mill-ġdid jew tinbiegħ lura għall-istess ġurnata ta' negozju wara li l-UCITS prinċipali jew il-UCITS alimentatriċi jkunu ppubblikaw il-prezz tal-ħruġ, tal-bejgħ, tax-xiri mill-ġdid jew tat-tifdija ta' l-unitajiet tagħhom għal dik il-ġurnata.*

xierqa biex *jikkoordinaw iż-żmien ta' meta jsiru l-kalkulazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-valur tal-assi netti, jew jagħmlu użu minn tekniki oħra rikonoxxuti, bħall- "fair value pricing", sabiex jevitaw il- "market timing" fl-unitajiet ta' fondi tagħhom, u jevitaw opportunitajiet ta' arbitragġġ.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jintqal b'mod speċifiku li għandu jiġi evitat il- "market timing", u dan jista' jsir b'bosta modi, inkluż il- "fair value pricing".

Emenda 277

Thomas Mann

Proposta għal direttiva Artikolu 55 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Jekk UCITS prinċipali tissospendi b'mod temporanju x-xiri mill-ġdid **jew** it-tifdija ta' l-unitajiet tagħha, sew fuq l-inizjattiva tagħha stess sew fuq talba ta' l-awtoritajiet kompetenti, kull waħda mill-UCITS alimentatriċi tagħha hija intitolata li tissospendi x-xiri mill-ġdid **jew** il-bejgħ mill-ġdid ta' l-unitajiet tagħha mingħajr ħsara għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 79(2), fl-istess perjodu ta' żmien bħall-UCITS prinċipali.

Emenda

3. Jekk UCITS prinċipali tissospendi b'mod temporanju x-xiri mill-ġdid **jew is-sottoskrizzjoni** tal-unitajiet tagħha, sew fuq l-inizjattiva tagħha stess sew fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, kull waħda mill-UCITS alimentatriċi tagħha hija intitolata li tissospendi x-xiri mill-ġdid **jew is-sottoskrizzjoni** tal-unitajiet tagħha mingħajr ħsara għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 79(2), fl-istess perjodu ta' żmien bħall-UCITS prinċipali.

Id-dritt tal-UCITS alimentatriċi illi tissospendi s-sottoskrizzjonijiet huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt fundamentali tal-UCITS alimentatriċi illi tiddeċiedi b'mod indipendent i f-kwalunkwe ħin dwar sospensjoni tas-sottoskrizzjonijiet.

Or. en

Emenda 278

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

UCITS princiċiali tista' tīgi likwidata biss tliet xhur wara li l-UCITS princiċiali tkun għarrfet lill-**UCITS alimentatriċi** kollha tagħha, kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-domiċilju ta' dawk il-UCITS alimentatriċi, dwar id-deċiżjoni vinkolanti ta' likwidazzjoni.

Emenda

*Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi nazzjonali fir-rigward ta' likwidazzjoni obbligatorja, UCITS princiċiali tista' tīgi likwidata biss tliet xhur wara li l-UCITS princiċiali tkun għarrfet **lit-titolari** kollha **tal-unitajiet** tagħha, kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju ta' dawk il-UCITS alimentatriċi, dwar id-deċiżjoni vinkolanti ta' likwidazzjoni*

Or. en

Emenda 279

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tibqa' UCITS alimentatriċi li tirriżulta mill-fużjoni jew mill-qsim; jew

Emenda

*(a) tibqa' UCITS alimentatriċi **ta' UCITS princiċiali** jew **ta' UCITS oħra** li tirriżulta mill-fużjoni jew mill-qsim **tal-UCITS princiċiali**; jew*

Or. en

Emenda 280

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-ebda fużjoni jew qsim ta' UCITS princiċiali ma għandu jidħol fis-seħħ

Emenda

L-ebda fużjoni jew qsim ta' UCITS princiċiali ma għandu jidħol fis-seħħ

sakemm il-UCITS prinċipali ma tkunx ipprovdiet, lill-***UCITS alimentariči*** kollha tagħha u lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri tad-domiċilju ta' ***dawn*** l-UCITS alimentariči, it-tagħrif kollu msemmi fl-Artikolu 40 jew komparabbli miegħu, sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data proposta tad-dħul fis-seħħ.

sakemm il-UCITS prinċipali ma tkunx ipprovdi, lit-***titolari tal-unitajiet*** kollha tagħha u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju tal-UCITS alimentariči ***tagħhom***, it-tagħrif kollu msemmi fl-Artikolu 40 jew komparabbli miegħu, sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data proposta tad-dħul fis-seħħ.

Or. en

Emenda 281

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 6 – subparagraphu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) id-*dettalji li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim imsemmi ***fl-ewwel subparagraphu*** tal-paragrafu 1;*

Emenda

(a) il-*kontenut tal-ftehim jew il-kondotta interna dwar il-kondotta tan-negozju msemmija fil-paragrafu 1;*

Or. en

Emenda 282

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagraphu 2 a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

La d-depożitarju tal-UCITS prinċipali u lanqas dak tal-UCITS alimentariči, meta jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti mniżżla f'dan il-Kapitolu, ma jistgħu jiksru xi restrizzjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni jew il-protezzjoni tad-dejta imposta b'kuntratt jew bi kwalunkwe dispożizzjoni leġiżlattiva, regolatorja jew amministrativa, u din l-imġieba lanqas ma tista' tinvolvi persuna depożitarja jew persuna oħra li taġixxi f'isimha, f'responsabilità ta' kwalunkwe tip.

Emenda 283

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-UCITS alimentatriċi jew, fejn xieraq, il-kumpanija ta' maniġment tal-UCITS alimentatriċi, għandha tkun responsabbli biex tikkomunika lid-depożitarju tal-UCITS alimentatriċi kwalunkwe informazzjoni dwar l-UCITS princiċiali li hi meħtieġa biex id-depożitarju tal-UCITS alimentatriċi jwettaq b'mod sħiħ id-dmirijiet tiegħu.

Emenda 284

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 56 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Id-depożitarju tal-UCITS princiċiali għandu jinforma minnufih lill-UCITS alimentatriċi jew, fejn xieraq, lill-kumpanija ta' maniġment u lid-depożitarju tal-UCITS alimentatriċi, dwar kull irregolarità li jsib rigward l-UCITS princiċiali.

2. Id-depożitarju tal-UCITS princiċiali għandu jinforma minnufih *lill-awtoritajiet kompetenti tal-UCITS princiċiali*, lill-UCITS alimentatriċi jew, fejn xieraq, lill-kumpanija ta' maniġment u lid-depożitarju tal-UCITS alimentatriċi, dwar kull irregolarità li jsib rigward l-UCITS princiċiali *li jkunu meqjusa bħala li għandhom effett negattiv fuq l-UCITS alimentatriċi*.

Emenda 285

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 56 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) id-dettalji li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim imsemmi ***fl-ewwel subparagrafu*** tal-paragrafu 1;

Emenda

(a) id-dettalji li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1;

Or. en

Emenda 286

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 57 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jkollhom awdituri differenti, l-Istati Membri għandhom jobbligaw lill-awdituri *li* jiffirmaw ftehim ta' qsim tat-tagħrif sabiex jiżguraw li t-tnejn li huma jaqdu dmirijiethom.

Emenda

1. Fejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jkollhom awdituri differenti, l-Istati Membri għandhom jobbligaw lill-awdituri *biex* jiffirmaw ftehim ta' qsim tat-tagħrif sabiex jiżguraw li t-tnejn li huma jaqdu dmirijiethom, ***inkluż l-arranġamenti meħuda biex wieħed jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 2.***

Or. en

Emenda 287

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 57 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fir-rapport ta' verifika tiegħu, l-awditure tal-UCITS alimentatriċi għandu jqis ir-rapport ta' verifika tal-UCITS prinċipali.

Emenda

2. Fir-rapport ta' verifika tiegħu, l-awditure tal-UCITS alimentatriċi għandu jqis ir-rapport ta' verifika tal-UCITS prinċipali. ***Jekk l-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali ma jkollhomx l-istess sena***

*finanzjarja, l-awditur tal-UCITS
prinċipali għandu jagħmel rapport ad hoc
fl-istess data ta' għeluq tal-UCITS
alimentatriċi.*

Or. en

Emenda 288

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 57 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. La l-awditur tal-UCITS prinċipali u lanqas dak tal-UCITS alimentatriċi, meta jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti mniżżla f'dan il-Kapitolu, ma jistgħu jiksru xi restrizzjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni jew il-protezzjoni tad-dejta imposta b'kuntratt jew bi kwalunkwe dispożizzjoni leġiżlattiva, regolatorja jew amministrativa, u din l-imġieba lanqas ma tista' tinvolvi l-awditur jew persuna oħra li taġixxi fisimha, f'responsabilità ta' kwalunkwe tip.

Or. en

Emenda 289

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 57 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni lijispeċifikaw **id-dettalji li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.**

Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw din id-Direttiva billi jissupplimentawha,

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni lijispeċifikaw il-kontenut tal-ftehma imsemmija fil-paragrafi 1, subparagrafu 1.

Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-

għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 107(2).

Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 107(2).

Or. en

Emenda 290

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 58 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) tagħrif ***rigward*** l-investiment li jkun sar skond l-Artikolu 53(2);

Emenda

(b) ***jekk l-għan u l-politika ta' investiment, inklużi l-profil tar-riskju u r-rendiment, tal-UCITS alimentatriċi u tal-UCITS princiċali humiex identiċi, jew safejn u għaliex huma differenti minn xulxin, inkluża deskrizzjoni tal-investiment magħmul skont l-Artikolu 53(2);***

Or. en

Emenda 291

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 58 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) jekk l-UCITS alimentatriċi tinvesti f'kompartiment determinat ta' investiment jew f'unità determinata jew f'klassi ta' ishma tal-UCITS princiċali, deskrizzjoni fil-qosor ta' dak l-investiment;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 292

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 58 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) ġabra fil-qosor tal-ftehim iffirmat bejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali, skond l-Artikolu 55(1);

Emenda

(e) ġabra fil-qosor tal-ftehim iffirmat bejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali *jew tal-imġieba interna tal-kondotta tan-negożju* skont l-Artikolu 55(1);

Or. en

Emenda 293

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 58 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) jekk l-għan u l-politika ta' investiment, inklużi l-profil tar-riskju u r-rendiment, tal-UCITS alimentatriċi u tal-UCITS prinċipali humiex identiċi, jew safejn u għaliex huma differenti minn xulxin;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 294

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 58 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. UCITS alimentatriċi għandha tiddikjara f'kull komunikazzjoni kummerċjali rilevanti li *hija UCITS alimentatriċi ta' UCITS prinċipali determinata, u bħala tali* tinvesti b'mod permanenti l-85% jew aktar mill-assi tagħha f'unitajiet tal-istess UCITS prinċipali.

Emenda

4. UCITS alimentatriċi għandha tiddikjara f'kull komunikazzjoni kummerċjali rilevanti li tinvesti b'mod permanenti l-85% jew aktar mill-assi tagħha f'unitajiet tal-istess UCITS prinċipali.

UCITS prinċipali.

Or. en

Emenda 295

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 58 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Għandha tintbagħħat kopja tal-prospektus, tar-rapport annwali u ta' dak ta' nofs is-sena lill-investituri min-naħa tal-UCITS alimentatriċi, meta dawn jitkolbu li jirċievuha u mingħajr ħlas.

Or. en

Emenda 296

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 59 – paragrafu 1 – subparagraphu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) id-data li fiha l-UCITS alimentatriċi tibda tinvesti fl-UCITS prinċipali;

(c) id-data li fiha l-UCITS alimentatriċi tibda tinvesti fl-UCITS prinċipali *jew, jekk tkun digħi investiet f'UCITS prinċipali, id-data meta l-investiment ikun se jaqbeż il-limitu applikabbli skont l-Artikolu 50(1);*

Or. en

Emenda 297

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 59 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propos mill-Kummissjoni

(d) dikjarazzjoni li t-titolari ta' unità għandhom id-dritt li jitkolu x-xiri mill-ġdid jew it-tifdija ta' l-unitajiet tagħhom ***b'xejn*** fi żmien 30 jum; dan id-dritt jidħol fis-seħħ malli l-UCITS alimentatriċi tkun ipprovdiet it-tagħrif imsemmi f'dan il-paragrafu.

Emenda

(d) dikjarazzjoni li t-titolari ta' unità għandhom id-dritt li jitkolu x-xiri mill-ġdid jew it-tifdija tal-unitajiet tagħhom ***mingħajr ħlas ulterjuri minbarra dak li jkun sar lill-fond biex jiġu koperti spejjeż ta' dżiżinvestiment*** fi żmien 30 jum; dan id-dritt jidħol fis-seħħ malli l-UCITS alimentatriċi tkun ipprovdiet it-tagħrif imsemmi f'dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 298

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 59 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

Dan it-tagħrif għandu jingħata sa mhux aktar tard minn 30 jum qabel id-data ***ta' l-investiment tal-UCITS alimentatriċi fil-UCITS prinċipali, skond*** il-punt (c) ta' l-ewwel subparagrafu.

Emenda

Dan it-tagħrif għandu jingħata sa mhux aktar tard minn 30 jum qabel id-data ***msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu.***

Or. en

Emenda 299

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 59 – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UCITS alimentatriċi ma tinvestix fl-

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UCITS alimentatriċi ma tinvestix fl-

unitajiet tal-UCITS prinċipali determinata qabel ma jkun skada l-perjodu ta' 30 jum imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

unitajiet tal-UCITS prinċipali determinata
minbarra l-limitu applikabbi skont l-Artikolu 50(1) qabel ma jkun skada l-perjodu ta' 30 jum imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 300
Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva
Artikolu 59 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 107(2).

Emenda

Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw *elementi mhux essenzjali ta'* din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 107(2).

Or. en

Emenda 301
Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva
Artikolu 60 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn, **bis-sahħha ta'** investiment fl-unitajiet tal-UCITS prinċipali, kummissjoni tīgħi rċevuta mill-UCITS alimentatriċi, mill-kumpanija ta' maniġment tal-UCITS alimentatriċi jew minn kwalunkwe persuna li taġixxi fisem il-UCITS alimentatriċi jew il-kumpanija ta' maniġment tagħha, il-kummissjoni għandha titħallas fl-assi tal-UCITS alimentatriċi.

Emenda

3. Fejn, **b'konnessjoni ma'** investiment fl-unitajiet tal-UCITS prinċipali, **spiżza ta' distribuzzjoni**, kummissjoni **jew benefiċċju fi flus jiġu rċevuti** mill-UCITS alimentatriċi, mill-kumpanija ta' maniġment tal-UCITS alimentatriċi jew minn kwalunkwe persuna li taġixxi fisem il-UCITS alimentatriċi jew il-kumpanija ta' maniġment tagħha, **l-ispizza**, il-kummissjoni **jew il-benefiċċju fi flus għandhom jitħallsu fl-assi tal-UCITS alimentatriċi.**

Emenda 302

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jinsabu stabbiliti fl-istess Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw minnufih lill-UCITS alimentatriċi dwar kull deċiżjoni, miżura, osservazzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, jew kwalunkwe tagħrif irrapprtatt skond l-Artikolu 101(1) fir-rigward tal-UCITS prinċipali, jew fejn applikabbli, il-kumpanija ta' maniġment, id-depożitarju jew l-awditurek tagħha.

Emenda

1. Fejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jinsabu stabbiliti fl-istess Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw minnufih lill-UCITS alimentatriċi *u, meta jitqies li jkun neċċesarju, lit-titolari l-oħra tal-unitajiet*, dwar kull deċiżjoni, miżura, osservazzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, jew kwalunkwe tagħrif irrapprtatt skont l-Artikolu 101(1) fir-rigward tal-UCITS prinċipali, jew fejn applikabbli, il-kumpanija ta' maniġment, id-depożitarju jew l-awditurek tagħha.

Emenda 303

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 62 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jinsabu stabbiliti fi Stati Membri differenti, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS prinċipali għandhom jinfurmaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS alimentatriċi dwar kull deċiżjoni, miżura, osservazzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, jew kwalunkwe tagħrif

Emenda

2. Fejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jinsabu stabbiliti fi Stati Membri differenti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS prinċipali għandhom jinfurmaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS alimentatriċi dwar kull deċiżjoni, miżura, osservazzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, jew kwalunkwe tagħrif irrapprtatt skont l-

irappurtat skond l-Artikolu 101(1) fir-rigward tal-UCITS prinċipali, jew fejn applikabbli, il-kumpanija ta' maniġment, id-depożitarju jew l-awditur tagħha. Wara dan, ***l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS alimentatriċi*** għandhom jinfurmaw minnufih lill-UCITS alimentatriċi.

Artikolu 101(1) fir-rigward tal-UCITS prinċipali, jew fejn applikabbli, il-kumpanija ta' maniġment, id-depożitarju jew l-awditur tagħha. ***Meta dawk l-awtoritajiet iqisuh neċessarju, huma għandhom ukoll jinfurmaw b'din l-informazzjoni lit-titolari l-oħra tal-unitajiet.***

Or. en

Emenda 304

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 69

Test propost mill-Kummissjoni

L-UCITS għandhom jibagħtu l-prospetti tagħhom u kull emenda li ssirilhom, kif ukoll ir-rapporti annwali u ta' nofs is-sena tagħhom, lill-awtoritajiet kompetenti.

Emenda

L-UCITS għandhom jibagħtu l-prospetti tagħhom u kull emenda li ssirilhom, kif ukoll ir-rapporti annwali u ta' nofs is-sena tagħhom, lill-awtoritajiet kompetenti ***tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS. L-UCITS għandha tippovdi din id-dokumentazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-kumpanija ta' maniġment meta dan jitlob hekk.***

Or. en

Emenda 305

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 70 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-prospekt jista' jingħata f'mezz durabbli jew ***f'forma elettronika***.

Emenda

2. Il-prospektus jista' jingħata f'mezz durabbli jew ***permezz ta' websajt***.
Għandha tingħata kopja lill-investituri mingħajr ħlas, meta dawn jitkolbu li jirċevuha.

Or. en

2. Il-prospektus jista' jingħata f'mezz durabbi jew f'forma elettronika.

Emenda 306

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 70 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-rapporti annwali u ta' nofs is-sena għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' l-investituri hekk kif jispeċifikaw il-prospett u t-tagħrif ewljeni għall-investituri msemmi fl-Artikolu 73.

Emenda

3. Ir-rapporti annwali u ta' nofs is-sena għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-investituri hekk kif jispeċifikaw il-prospett u t-tagħrif ewljeni għall-investituri msemmi fl-Artikolu 73. **Għandha tintbagħat kopja tar-rapport annwali u ta' dak ta' nofs is-sena lill-investituri mingħajr ħlas, meta dawn jitkol li jirċevuha.**

Or. en

Emenda 307

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 72

Test propost mill-Kummissjoni

Il-komunikazzjonijiet kummerċjali għandhom ikunu ċarament identifikabbli bħala tali. Għandhom ikunu ġusti, ċari u ma jqarrqu, **u t-tagħrif miġbur fih għandu jkun koerenti mat-tagħrif inkluż fil-prospett u fit-tagħrif ewljeni għall-investituri msemmi fl-Artikolu 73. Għandhom jindikaw l-eżistenza ta' prospett kif ukoll id-disponibbiltà tat-taqħrif ewljeni għall-investituri msemmi fl-Artikolu 73, u jispeċifikaw fejn u fliema lingwi tali informazzjoni jew dokumenti jistgħu jinkisbu mill-investituri reali jew potenzjali, jew kif jista' jsir aċċess għalihom.**

Emenda

Il-komunikazzjonijiet kummerċjali għandhom ikunu ċarament identifikabbli bħala tali. **Għandhom ikunu ġusti, ċari u ma jiżgwidawx. B'mod partikolari, kull komunikazzjoni kummerċjali li jkun fiha invit biex wieħed jixtri l-unitajiet tal-UCITS u li jkun fiha tagħrif speċifiku dwar UCITS m'għandhiex tagħmel dikjarazzjonijiet li jmorru kontra jew inaqqsu s-sinifikat tat-taqħrif inkluż fil-prospektus u fit-taqħrif ewljeni għall-investituri msemmi fl-Artikolu 73. Għandha tindika l-eżistenza ta' prospektus kif ukoll id-disponibbiltà tat-taqħrif ewljeni għall-investituri msemmi fl-Artikolu 73, u jispeċifikaw fejn u fliema lingwi tali**

informazzjoni jew dokumenti jistgħu jinkisbu mill-investituri reali jew potenzjali, jew kif jista' jsir aċċess għalihom.

Or. en

Emenda 308

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 73 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment u, għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, kumpanija ta' maniġment ifasslu dokument qasir li jiġbor fih tagħrif ewljeni **għall-investituri**.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment u, għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, kumpanija ta' maniġment ifasslu dokument qasir li jiġbor fih tagħrif ewljeni **għall-investituri** (*"tagħrif ewljeni għall-investituri"*). Il-kliem *"tagħrif ewljeni għall-investituri"* għandu jissemmu b'mod ċar f'dan id-dokument, fil-lingwa msemmija fl-*Artikolu 89(1)(b)*.

Or. en

Emenda 309

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 73 – paragrafu 3 – subparagraphu 1 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

3. It-tagħrif ewljeni għall-investituri għandu **jinkludi** tagħrif dwar **talanqas** l-elementi essenzjali li ġejjin fir-rigward tal-UCITS ikkonċernata:

Emenda

3. It-tagħrif ewljeni għall-investituri għandu **jipprovdi** tagħrif dwar l-elementi essenzjali li ġejjin fir-rigward tal-UCITS ikkonċernata:

Or. enen

Emenda 310

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 73 – paragrafu 3 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) identifikazzjoni tal-UCITS;

Or. en

Emenda 311

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 73 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) preżentazzjoni tar-riżultati mgħoddija;

(b) preżentazzjoni tar-riżultati mgħoddija
jew, meta jkun xieraq, xenarji tar-riżultati;

Or. en

Emenda 312

Margarita Starkevičiūtė

Proposta għal direttiva

Artikolu 73 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. It-tagħrif ewljeni għall-investitur għandu jkun miktub fil-qosor u flingwaġġ mhux tekniku. Għandu jitfassal b'mod b'format komuni, li jippermetti li jsir paragun, u jiġi ppreżentat b'mod li jinfiehem mill-investituri mhux professjonisti.

5. It-tagħrif ewljeni għall-investitur għandu jkun miktub fil-qosor u flingwaġġ mhux tekniku. Għandu jitfassal b'mod b'format komuni, li jippermetti li jsir paragun ***tal-elementi essenzjali kollha***, u jiġi ppreżentat b'mod li jinfiehem mill-investituri mhux professjonisti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jgħin biex titjieb il-protezzjoni tal-interessi tal-investituri.

Emenda 313

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 73 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-kontenut iddettaljat tat-tagħrif ewljeni għall-investituri li għandu jiġi pprovdut lill-investituri, kif imsemmi fil-paragrafi 2, 3 u 4;

Emenda

(a) il-kontenut iddettaljat **u eżawjrenti** tat-tagħrif ewljeni għall-investituri li għandu jiġi pprovdut lill-investituri, kif imsemmi fil-paragrafi 2, 3 u 4;

Or. en

Emenda 314

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 73 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-kontenut iddettaljat tat-tagħrif ewljeni għall-investituri li għandu jiġi pprovdut lill-investituri, fil-każijiet spċifici li ġejjin;

Emenda

(b) il-kontenut iddettaljat **u eżawjrenti** tat-tagħrif ewljeni għall-investituri li għandu jiġi pprovdut lill-investituri, fil-każijiet spċifici li ġejjin;

Or. en

Emenda 315

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 73 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

(v) għal UCITS li joperaw fil-Borża, it-tagħrif ewljeni għall-investituri li għandu

imħassar

Emenda

*jīgi pprovdut lill-investituri li jinkitbu
f'UCITS li topera fil-Borża;*

Or. en

Emenda 316

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 73 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni

(vi) għal UCITS strutturati, ta' kapital protett u oħrajn simili, it-tagħrif ewljeni għall-investituri li għandu jiġi pprovdut lill-investituri *li jinkitbu f'UCITS strutturati, ta' kapital protett jew oħrajn simili li joffru ħlas lura ffissat minn qabel u sa' ċertu limitu ta' żmien, li jiddependi totalment minn ċerti parametri, bħall-evoluzzjoni ta' indiċi speċifika;*

Emenda

(vi) għal UCITS strutturati, ta' kapital protett u oħrajn simili, it-tagħrif ewljeni għall-investituri li għandu jiġi pprovdut lill-investituri *f'rabta mal-karatteristiċi speċjali ta' UCITS bħal dawn;*

Or. en

Emenda 317

Elisa Ferreira

Proposta għal direttiva

Artikolu 75 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment, kif ukoll kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, u li tbigħ UCITS direttament jew permezz ta' aġġent marbut lil investituri, twassal lill-investituri, direttament jew permezz tal-aġġent marbut, tagħrif ewljeni għall-investituri dwar tali UCITS, fi żmien raġonevoli qabel is-sottoskrizzjoni proposta tagħhom ta' unitajiet ftali UCITS.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment, kif ukoll kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, u li tbigħ UCITS direttament jew permezz ta' aġġent marbut lil investituri, twassal lill-investituri, direttament jew permezz tal-aġġent marbut, tagħrif ewljeni għall-investituri dwar tali UCITS, fi żmien raġonevoli qabel is-sottoskrizzjoni proposta *inizjali* tagħhom ta' unitajiet ftali

UCITS jew meta jseħħu bidliet materjali fir-regoli tal-fondi.

Or. een

Ġustifikazzjoni

Il-ħarsien tal-investituri għandu jkun prinċipju fundamentali ta' dan ir-regolament. Ir-rekwiżit li t-Tagħrif Ewlieni għall-Investitur mhux biss ikun ipprovdut mill-intermedjarju, iżda wkoll imwassal lill-investituri meta dan jagħmel is-sottoskrizzjoni inizjali ta' unitajiet ġewwa fond, iservi biex isaħħaħ dan il-prinċipju.

Emenda 318

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 75 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment, kif ukoll kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, u li tbigħ UCITS direttament jew permezz ta' **aġent marbut lil investituri, twassal lill-investituri, direttament jew permezz tal-agħġġġi marbut**, tagħrif ewljeni għall-investituri dwar tali UCITS, fi żmien raġonevoli qabel is-sottoskrizzjoni proposta tagħhom ta' unitajiet ftali UCITS.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment, kif ukoll kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, u li tbigħ UCITS direttament jew permezz ta' **persuna naturali jew legali oħra li tagħixxi fisimha u taħt ir-responsabilità sħiħa u inkundizzjonali tagħha, tipprovdi lill-investituri b'tagħrif ewljeni għall-investituri dwar tali UCITS, fi żmien raġonevoli qabel is-sottoskrizzjoni proposta tagħhom ta' unitajiet ftali UCITS.**

Or. en

Emenda 319

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 75 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment, kif ukoll

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment, kif ukoll

kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, u li ma tbigħx UCITS direttament jew permezz ta' **aġent marbut lil investituri, twassal** tagħrif ewljeni għall-investituri ***lil manifatturi ta' prodotti u*** intermedjarji li jbigħu jew jagħtu konsulenza lill-investituri rigward investimenti potenzjali ftali UCITS ***jew fi prodotti li joffru skopertura għal tali UCITS, u b'hekk jippermettilhom jipprovdu t-tagħrif kollu relevanti rigward l-investiment propost lill-klijenti tagħhom attwali jew potenzjali, skont l-obbligi ta' informazzjoni applikabbli fil-liġi Komunitarja u nazzjonali relevanti.***

kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, u li ma tbigħx UCITS direttament jew permezz ta' **persuna li taġixxi fisimha u taħt ir-responsabilità sħiħa u inkundizzjonali tagħha rigward l-investituri, tiprovd tagħrif ewljeni għall-investituri intermedjarji li jbigħu jew jagħtu konsulenza lill-investituri rigward investimenti potenzjali ftali UCITS. **L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-intermedjarji li qed ibiġħu jew qed jaġħtu pariri lill-investituri potenzjali fil-UCITS, jipprovdu tagħrif ewljeni għall-investituri lill-klijenti jew klijenti potenzjali tagħhom.****

Or. en

Emenda 320

Thomas Mann

Proposta għal direttiva Artikolu 75 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment, kif ukoll kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, u li ma tbigħx UCITS direttament jew permezz ta' **aġent marbut lil investituri, twassal** tagħrif ewljeni għall-investituri ***lil manifatturi ta' prodotti u*** intermedjarji li jbigħu jew jagħtu konsulenza lill-investituri rigward investimenti potenzjali ftali UCITS ***jew fi prodotti li joffru skopertura għal tali UCITS, u b'hekk jippermettilhom jipprovdu t-tagħrif kollu relevanti rigward l-investiment propost lill-klijenti tagħhom attwali jew potenzjali, skont l-obbligi ta' informazzjoni applikabbli fil-liġi Komunitarja u nazzjonali relevanti.***

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment, kif ukoll kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, u li ma tbigħx UCITS direttament jew permezz ta' **aġent marbut lill-investituri, tiprovd tagħrif ewljeni għall-investituri lill-intermedjarji li jbigħu jew jaġħtu konsulenza lill-investituri rigward investimenti potenzjali ftali UCITS, u b'hekk jippermettilhom jipprovdu t-tagħrif kollu relevanti rigward l-investiment propost lill-klijenti tagħhom attwali jew potenzjali, skont l-obbligi ta' informazzjoni applikabbli fil-liġi Komunitarja, b'mod partikulari l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2006/73/KE u l-liġi nazzjonali relevanti. **Tali obbligu għandu japplika biss lejn l-intermedjarji li****

magħhom UCITS jew il-kumpanija ta' maniġment tagħha għandha relazzjoni kuntrattwali marbuta mad-distribuzzjoni tal-UCITS.

Or. en

Emenda 321
Elisa Ferreira

**Proposta għal direttiva
Artikolu 75 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment, kif ukoll kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, u li ma tbigħx UCITS direttament jew permezz ta' aġġent marbut lil investituri, twassal tagħrif ewljeni għall-investituri *lil manifatturi* ta' prodotti u intermedjarji li jbigħu jew jagħtu konsulenza lill-investituri rigward investimenti potenzjali ftali UCITS jew fi prodotti li joffru skopertura għal tali UCITS, u b'hekk *jippermettilhom jipprovdu* t-tagħrif kollu relevanti rigward l-investiment propost lill-klijenti tagħhom attwali jew potenzjali, skont l-obbligi ta' informazzjoni applikabbli fil-liġi Komunitarja u nazzjonali relevanti.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kumpanija ta' investiment, kif ukoll kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja l-kumpanija ta' investiment, u li ma tbigħx UCITS direttamente jew permezz ta' aġġent marbut lil investituri, twassal tagħrif ewljeni għall-investituri *lill-produtturi* ta' prodotti u intermedjarji li jbigħu jew jagħtu konsulenza lill-investituri rigward investimenti potenzjali ftali UCITS jew fi prodotti li joffru skopertura għal tali UCITS, u b'hekk *tippermettilhom li jwasslu* t-tagħrif kollu relevanti rigward l-investiment propost lill-klijenti tagħhom attwali jew potenzjali, skont l-obbligi ta' informazzjoni applikabbli fil-liġi Komunitarja u nazzjonali relevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħarsien tal-investituri għandu jkun prinċipju fundamentali ta' dan ir-regolament. Ir-rekwiżit li t-Tagħrif Ewleni għall-Investitur mhux biss ikun ipprovdut mill-intermedjarju, iżda wkoll jingħata lill-investituri meta dan jagħmel is-sottoskrizzjoni inizjali ta' unitajiet ġewwa fond, iservi biex isāħha h dan il-prinċipju.

Emenda 322
Elisa Ferreira

**Proposta għal direttiva
Artikolu 75 – paragrafu 2a (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**2a. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat
Membru għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, f'sezzjoni
apposta tal-websajt tagħhom, tagħrif
ewljeni għall-investituri rigward il-UCITS
kollha kkostitwiti u awtorizzati f'dak l-
Istat Membru.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din is-soluzzjoni, li digħà kienet adottata minn xi Stati Membri, tippermetti li din l-informazzjoni tiġi ċċentralizzata u ttejjeb il-faċilità tal-konsultazzjoni u l-aċċessibilità ta' data attwali u storika. Din tista' tkun estiżza utilment għall-pajjiżi oħra.

Emenda 323
Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

**Proposta għal direttiva
Artikolu 75 – paragrafu 2a (ġidid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**2a. It-tagħrif ewljeni għall-investituri
għandu jkun ipprovđut lill-investituri
b'xejn.**

Or. en

Emenda 324

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 76 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-kumpaniji ta' investiment, kif ukoll lil kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li l-kumpanija ta' investiment timmaniġġja, li **jwasslu** tagħrif ewljeni għall-investituri f'meazz durabbli jew permezz ta' websajt.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-kumpaniji ta' investiment, kif ukoll lil kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li l-kumpanija ta' investiment timmaniġġja, li **jipprovdu** tagħrif ewljeni għall-investituri f'meazz durabbli jew permezz ta' websajt. **Kopja fuq karta għandha titwassal b'xejn lill-investitur, fuq talba tiegħu.**

Or. en

Emenda 325

Donata Gottardi

Proposta għal direttiva

Artikolu 76 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-kumpaniji ta' investiment, kif ukoll lil kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li l-kumpanija ta' investiment timmaniġġja, li jwasslu tagħrif ewljeni għall-investituri f'meazz durabbli jew permezz ta' websajt.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-kumpaniji ta' investiment, kif ukoll lil kumpanija ta' maniġment għal kull wieħed mill-fondi komuni li l-kumpanija ta' investiment timmaniġġja, li jwasslu tagħrif ewljeni għall-investituri f'meazz durabbli jew permezz ta' websajt. **Kopja fuq karta għandha titwassal b'xejn lill-investitur.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tagħrif ewljeni għall-investituri għandu dejjem jitwassal fforma ta' kopja fuq karta lill-investitur.

Emenda 326
Donata Gottardi

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw regoli dwar il-perjodu ta' żmien għall-aġġornament u metodi biex tipprovd i-l-investituri l-aġġornament tat-tagħrif ewljeni għall-investituri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun żgurat li l-aġġornament tal-KII isir b'mod armonizzat biex ikunu garantiti l-istandardizzazzjoni u l-komparabbiltà.

Emenda 327
Othmar Karas

Proposta għal direttiva
Artikolu 84 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

La:

- (a) kumpanija ta' investiment, u lanqas
- (b) kumpanija ta' maniġment jew depożitarju li jaġixxu f'isem fond komuni ,

ma jistgħu jwettqu bejgħ skopert ta' titoli trasferibbli, strumenti tas-suq tal-flus jew strumenti finanzjarji oħra msemmija fl-Artikolu 45(1)(e), (g) u (h).

La:

- (a) kumpanija ta' investiment, u lanqas
- (b) kumpanija ta' maniġment jew depożitarju li jaġixxu f'isem fond komuni ,

ma jistgħu jwettqu bejgħ skopert ta' titoli trasferibbli, strumenti tas-suq tal-flus jew strumenti finanzjarji oħra msemmija fl-Artikolu 45(1)(e) u (h).

Or. de

Emenda 328

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 86 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni sħiħa rigward il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li ma jaqgħux fl-ambitu kopert b'din id-Direttiva, u li huma rilevanti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet ta' UCITS, stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, tkun faċilment disponibbli mid-distanza u b'mezz elettroniku. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din l-informazzjoni tkun disponibbli f'lingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, hija ppreżentata b'mod ċar u mhux ambigwu, u tinżamm aġġornata.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni sħiħa rigward il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li ma jaqgħux fl-ambitu kopert b'din id-Direttiva, u li huma **speċifikament** rilevanti **għall-arranġamenti li saru** għall-kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet ta' UCITS, stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, tkun faċilment disponibbli mid-distanza u b'mezz elettroniku. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din l-informazzjoni tkun disponibbli f'lingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, hija ppreżentata b'mod ċar u mhux ambigwu, u tinżamm aġġornata.

Or. en

Emenda 329

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 86 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, UCITS għandha tfisser UCITS jew kompartiment tal-investiment tagħha.

Or. en

Emenda 330

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 88 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Jekk UCITS tiproponi li tqiegħed fis-suq l-unitajiet tagħha fi Stat Membru differenti ***minn dak li fih hija stabilita***, għandha l-ewwel tibgħat ittra ta' notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħha.

Emenda

1. Jekk UCITS tiproponi li tqiegħed fis-suq l-unitajiet tagħha fi Stat Membru differenti ***mill-Istat tad-domiċilju tagħha***, għandha l-ewwel tibgħat ittra ta' notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħha

Or. en

Emenda 331

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 88 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-ittra ta' notifika għandha tinkludi informazzjoni dwar l-arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet tagħha ***f'dak*** l-Istat Membru.

Emenda

L-ittra ta' notifika għandha tinkludi informazzjoni dwar l-arranġamenti magħmula għall-kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet tagħha ***fl-Istat Membru ospitanti***.

Or. en

Emenda 332

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 88 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom jibagħtu d-dokumentazzjoni kompluta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-UCITS tiproponi li

Emenda

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom jibagħtu d-dokumentazzjoni kompluta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-UCITS tiproponi li

tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, sa mhux aktar tard minn *xahar* mid-data tal-wasla tal-ittra ta' notifika. Għandhom jinkludu flimkien mad-dokumentazzjoni attestazzjoni li l-UCITS tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati b'din id-Direttiva.

tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, sa mhux aktar tard minn *ħamest ijiem tax-xogħol* mid-data tal-wasla tal-ittra ta' notifika *u tad-dokumentazzjoni kompleta prevista fil-paragrafu 2*. Għandhom jinkludu flimkien mad-dokumentazzjoni attestazzjoni li l-UCITS tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati b'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 333
Sharon Bowles

**Proposta għal direttiva
Artikolu 88 – paragrafu 3 – subparagraphu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom jibagħtu d-dokumentazzjoni kompluta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, sa mhux aktar tard minn *xahar* mid-data tal-wasla tal-ittra ta' notifika. Għandhom jinkludu flimkien mad-dokumentazzjoni attestazzjoni li l-UCITS tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati b'din id-Direttiva.

Emenda

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom jibagħtu d-dokumentazzjoni kompluta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, sa mhux aktar tard minn *tlieet ijiem tax-xogħol* mid-data tal-wasla tal-ittra ta' notifika. Għandhom jinkludu flimkien mad-dokumentazzjoni attestazzjoni li l-UCITS tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati b'din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limitu ta' żmien għandu jkun armonizzat ma' dak stipulat fl-Artikolu 18 (1) tad-Direttiva 2003/71/KE (Prospektus).

Emenda 334
Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 88 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom jibagħtu d-dokumentazzjoni kompluta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, sa mhux aktar tard minn **xahar** mid-data tal-wasla tal-ittra ta' notifika. Għandhom jinkludu flimkien mad-dokumentazzjoni attestazzjoni li l-UCITS tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati b'din id-Direttiva.

Emenda

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom jibagħtu d-dokumentazzjoni kompluta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, sa mhux aktar tard minn **tliet ijiem tax-xogħol** mid-data tal-wasla tal-ittra ta' notifika. Għandhom jinkludu flimkien mad-dokumentazzjoni attestazzjoni li l-UCITS tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati b'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 335
John Purvis

Proposta għal direttiva
Artikolu 88 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom jibagħtu d-dokumentazzjoni kompluta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, sa mhux aktar tard minn **xahar** mid-data tal-wasla tal-ittra ta' notifika. Għandhom jinkludu flimkien mad-dokumentazzjoni attestazzjoni li l-UCITS tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati b'din id-Direttiva.

Emenda

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom jibagħtu d-dokumentazzjoni kompluta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, sa mhux aktar tard minn **tliet ijiem tax-xogħol** mid-data tal-wasla tal-ittra ta' notifika. Għandhom jinkludu flimkien mad-dokumentazzjoni attestazzjoni li l-UCITS tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati b'din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan joħloq kundizzjonijiet iktar indaqs ladarba d-Direttiva Prospektus (2003/71/KE) tobbliga lill-awtorità tal-istat membru tad-domiċilju, jekk issirilha talba, li tiprovd i lill-awtorità tal-istat membru ospitanti b'ċertifikat ta' approvazzjoni fi żmien tliet ijiem tax-xogħol. Ix-xahar propost mill-Kummissjoni għall-UCITS ma jnaqqasx bizzżejjed iż-żmien tal-kummerċjalizzazzjoni u jqiegħed il-UCITS fi żvantaġġ kompetittiv rigward strumenti koperti mid-Direttiva Prospektus. Barra minn hekk, ma jagħmilx sens f'termini ta' ħarsien tal-investituri, minħabba li l-UCITS digħi għaddiet minn proċedura stretta ta' awtorizzazzjoni.

Emenda 336

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 88 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ittra ta' notifika msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll l-attestazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, huma pprovduti flingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ittra ta' notifika msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll l-attestazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, huma pprovduti flingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, *sakemm l-Istat Membru tad-domiċilju u l-Istat Membru ospitanti tal-UCITS jaqblu li l-ittra ta' notifika kif imsemmija fil-paragrafu 1 u l-attestazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 3 jitressqu flingwa uffiċċiali taż-żewġ Stati Membri.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda 337

John Purvis

Proposta għal direttiva

Artikolu 88 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-finijiet tal-proċedura ta' notifika stipulata f'dan l-Artikolu, l-awtoritat jiet

Emenda

Għall-finijiet tal-proċedura ta' notifika stipulata f'dan l-Artikolu, l-awtoritat jiet

kompetenti tal-Istat Membru li fih UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha ma għandhomx jitkolu dokumenti, ċertifikati jew informazzjoni *addizzjonali* għajr dawk provduti f'dan l-Artikolu.

kompetenti tal-Istat Membru li fih UCITS tipproponi li tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha ma għandhomx jitkolu dokumenti, *jirrikjedu approvazzjoni minn qabel għal dokumenti mhux relatati mal-kummerċjalizzazzjoni bħall-formoli ta' applikazzjoni, ċertifikati jew informazzjoni oħra* għajr dawk previsti f'dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-kjarifika tagħmilha ċara li l-Istat Membru ospitanti ma jistax jirrikjedi approvazzjoni minn qabel ta' dokumenti mhux relatati mal-kummerċjalizzazzjoni bħall-formoli ta' sottoskrizzjoni għall-aċċess għall-unitajiet.

Emenda 338

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 88 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS ikollhom aċċess, b'mod elettroniku, għad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2, u fejn xieraq, għal kwalunkwe traduzzjoni tagħhom, **u li** dawk id-dokumenti u traduzzjonijiet **jinżammu** aġġornati.

Emenda

7. L-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS ikollhom aċċess, b'mod elettroniku, għad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2, u fejn xieraq, għal kwalunkwe traduzzjoni tagħhom. **Hu għandu jiżgura li l-UCITS iżommu** dawk id-dokumenti u traduzzjonijiet aġġornati. **Il-UCITS għandha tinnotifika dwar kwalunkwe emenda għad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u tindika fejn dawk id-dokumenti jistgħu jinkisbu b'mezz elettroniku.**

Or. en

Emenda 339

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 88 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Fl-eventwalitā ta' tibdil fl-informazzjoni dwar l-arranġamenti **ta'** kummerċjalizzazzjoni kkomunikati fl-ittra ta' notifika skont il-paragrafu 1, l-UCITS għandha tagħti notifika bil-miktub ta' dan it-tibdil lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti qabel ma timplimenta tali tibdil.

Emenda

8. Fl-eventwalitā ta' tibdil fl-informazzjoni dwar l-arranġamenti **li saru għall-** kummerċjalizzazzjoni kkomunikati fl-ittra ta' notifika skont il-paragrafu 1, l-UCITS għandha tagħti notifika bil-miktub ta' dan it-tibdil lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti qabel ma timplimenta tali tibdil.

Or. en

Emenda 340

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 90 – paragrafu 1 – subparagraphu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **il-format u** l-ambitu tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 86(3);

Emenda

(a) l-ambitu tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 86(3);

Or. en

Emenda 341

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 92 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet li għandhom iwettqu d-dmirijiet *pprovdu f'din id-Direttiva*. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan, u jindikaw kull diviżjoni ta'

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet **kompetenti** li għandhom iwettqu d-dmirijiet *previsti f'din id-Direttiva*. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan, u jindikaw kull

dmirijiet.

diviżjoni ta' dmirijiet.

Or. en

Emenda 342

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva Artikolu 92 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awtortajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom ikunu kompetenti biex jissupervizzaw dik l-UCITS. Madanakollu, l-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS għandhom ikunu kompetenti biex jissorveljaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet li jaqgħu barra l-ambitu kopert minn din id-Direttiva u r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 87 u 89.

Emenda

3. L-awtortajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom ikunu kompetenti biex jissupervizzaw dik l-UCITS, *inkluż, fejn relevanti, skont l-Artikolu 17a*. Madanakollu, l-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS għandhom ikunu kompetenti biex jissorveljaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet li jaqgħu barra l-ambitu kopert minn din id-Direttiva u r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 87 u 89.

Or. en

Emenda 343

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva Artikolu 93 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) jitkolbu s-sospenzjoni tax-xiri mill-ġdid jew tat-tifdija ta' unitajiet fl-interess tad-detenturi tal-unitajiet jew tal-pubbliku;

Emenda

(j) jitkolbu s-sospenzjoni *tal-ħruġ*, tax-xiri mill-ġdid jew tat-tifdija ta' unitajiet fl-interess tad-detenturi tal-unitajiet jew tal-pubbliku;

Or. en

Emenda 344

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 94 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penalitajiet *iprovvutu* għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Mingħajr ma jiġu esklużi regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet oħra nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom partikolarmen jistabbilixxu penalitajiet effikaċi, proporzjonati u diżwassivi rigward id-dmir li t-tagħrif ewljeni għall-investitur jiġi ppreżentat b'mod li jinfiehem mill-investituri mhux professjonisti skont l-Artikolu 73(5).

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli **dwar il-miżuri u l-penalitajiet** applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati.
Mingħajr preġudizzju għall-proċeduri għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni jew għad-dritt tal-Istati Membri li jipponu sanżjonijiet kriminali, l-Istati Membri, b'mod partikulari, għandhom jiżguraw, skont il-ligġijiet nazzjonali tagħhom, li jkunu jistgħu jittieħdu l-miżuri amministrattivi xierqa jew ikunu jistgħu jiġu imposti sanżjonijiet amministrattivi kontra l-persuni responsabbi, meta ma jkunx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet adottati sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva. Il-miżuri u l-penalitajiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Mingħajr ma jiġu esklużi regoli dwar **il-miżuri u l-penalitajiet** applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet oħra nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom partikolarmen jistabbilixxu **miżuri u** penalitajiet effikaċi, proporzjonati u diżwassivi rigward id-dmir li t-tagħrif ewljeni għall-investituru jiġi ppreżentat b'mod li jinfiehem mill-investituri mhux professjonisti skont l-Artikolu 73(5).

Or. en

Emenda 345

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 94 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu illi l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiżvelaw lill-pubbliku kull miżura jew *sanzjon* li jridu jiġu imposti għall-ksur tad-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, għajr jekk tali żvelar ikun jipperikola serjament is-swieq finanzjarji jew jikkawża ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu illi l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiżvelaw lill-pubbliku kull miżura jew *sanzjoni* li jridu jiġu imposti għall-ksur tad-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, għajr jekk tali żvelar ikun jipperikola serjament is-swieq finanzjarji, ***ikun ta' detriment għall-interessi tal-investituri*** jew jikkawża ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti.

Or. en

Emenda 346

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 96 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri amministrattivi u organizzattivi meħtieġa sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ***msemmija f'dan il-paragrafu***.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri amministrattivi u organizzattivi meħtieġa sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ***bejn l-awtoritajiet kompetenti inkluż permezz ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali, sabiex ikunu jistgħu iwettqu bis-sħiħ id-dmirijiet tagħhom skont din id-Direttiva.***

Or. en

Emenda 347

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 96 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Meta awtorità kompetenti jkollha raġunijiet validi biex tissuspetta li jkunu qegħdin jitwettqu jew twettqu atti kontra din id-Direttiva fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, imwettqa minn entitajiet li mħumiex suġġetti għas-sorveljanza tagħha, din għandha tinnotifika dan f'manjiera speċifika kemm jista' jkun lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor. L-awtorità tal-aħħar għandha tieħu azzjoni appropjata. Għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti ta' notifika birriżultat tal-azzjoni u, safejn ikun possibbli, bl-iżviluppi intermedji sinifikanti. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-awtorità kompetenti li tkun bagħtet it-tagħrif.

Or. en

Emenda 348

Donata Gottardi

Proposta għal direttiva

Artikolu 96 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. Sabiex tkun żgurata sorveljanza xierqa tal-UCITS, l-Istati Membri tad-depożitarju u tal-kumpanija ta' maniġment għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jikkonkludu ftehimiet ta' koperazzjoni bilaterali u multilaterali ma' awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri li jistgħu jinvolvu delegazzjoni reċiproka tal-ħidma ta' sorveljanza. Ftehimiet bħal

dawn jistgħu jinvolvu awtorità jew numru ta' awtoritajiet kompetenti li jaqsmu l-ħidma ta' sorveljanza fuq l-UCITS li l-ġestjoni tagħhom issir skont il-libertà tal-provvediment ta' servizzi jew permezz ta' fergħat, depożitarji jew kumpaniji tal-management.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kumplessità tad-direttiva tal-UCITS tirrikjedi li l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tissaħħa. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiżdiedu d-dispożizzjonijiet proposti biex tittejjeb il-konverġenza tas-setgħat u li jkunu kkontemplati strumenti komuni ta' sorveljanza ġodda.

Emenda 349

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 97 – paragrafu 2 – subparagraphu 1a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

L-awtoritajiet kompetenti li jiskambjaw it-tagħrif ma' awtoritajiet kompetenti oħra skont din id-Direttiva jistgħu jindikaw fil-waqt tal-komunikazzjoni li dan it-tagħrif ma jridx jiġi żvelat mingħajr il-qbil espress tagħhom, f'liema każ dan it-tagħrif jiċċista jiġi skambjat biss għall-għanijiet li għalihom dawn l-awtoritajiet ikunu qablu magħħom.

Or. en

Emenda 350

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 97 – paragrafu 5 – subparagraphu 1 – parti introduttorja

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx ifixklu

5. Il-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx ifixklu

l-iskambju ta' informazjoni *fost l-awtoritajiet kompetenti*, fi Stat Membru *wieħed* jew bejn Stati Membri *varji, li jkunu:*

l-iskambju ta' informazjoni fi Stat Membru wieħed jew bejn *l-Istati* Membri, *bejn l-awtoritajiet kompetenti; u:*

Or. en

Emenda 351

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 102 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti msemmija għandhom jagħtu r-raġunijiet għal kull deċiżjoni li jirrifjutaw awtorizzazzjoni u kull deċiżjoni negattiva meħuda fl-implementazzjoni tal-miżuri ġenerali adottati fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u jikkomunikawhom lill-applikanti.

Emenda

1. L-awtoritajiet kompetenti msemmija għandhom jagħtu r-raġunijiet għal kull deċiżjoni li jirrifjutaw awtorizzazzjoni u kull deċiżjoni negattiva meħuda fl-implementazzjoni tal-miżuri ġenerali adottati fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, *bil-miktub*, u jikkomunikawhom lill-applikanti.

Or. en

Emenda 352

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 102 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li *deċiżjonijiet meħuda fir-rigward ta' UCITS skont* il-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva *jkunu soġġetti għad-dritt ta' applikazzjoni lill-qrati; l-istess għandu jaapplika jekk l-ebda deċiżjoni ma tittieħed fi żmien sitt xħur mis-sottomissjoni ta' *applikazzjoni għal awtorizzazzjoni magħmulia minn UCITS li tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa**

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li *kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont* il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva *tkun irraġunata kif jixraq u tkun soġġetta* għad-dritt għall-applikazzjoni lill-qrati. *Id-dritt għall-applikazzjoni lill-qrati għandu jaapplika wkoll meta, rigward applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li tipprovi t-tagħrif kollu meħtieġ, l-ebda deċiżjoni ma tittieħed fi żmien sitt mis-*

skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ.

sottomissjoni *tagħha.*

Or. en

Emenda 353

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 103 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull deċiżjoni għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni, jew xi miżura serja oħra meħuda kontra UCITS, jew kull sospenzjoni ta' xiri mill-ġdid jew tifdija imposta fuqha, għandhom jiġu kkomunikati mingħajr dewmien mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS lill-awtoritajiet tal-Istati Membri ospitanti tal-UCITS.

Emenda

2. Kull deċiżjoni għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni, jew xi miżura serja oħra meħuda kontra UCITS, jew kull **ħruġ**, sospenzjoni ta' xiri mill-ġdid jew tifdija imposta fuqha, għandhom jiġu kkomunikati mingħajr dewmien mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS lill-awtoritajiet tal-Istati Membri ospitanti tal-UCITS *u, jekk il-kumpanija ta' maniġment ta' UCITS tkun qiegħda fi Stat Membru ieħor, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-kumpanija ta' maniġment.*

Or. en

Emenda 354

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 103 – paragrafu 2 a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-kumpanija ta' maniġment u dawk tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandu jkollhom, rispettivament, il-kapaċità li jieħdu azzjoni kontra l-kumpanija ta' maniġment jekk din tikser regoli taħt ir-responsabilità rispettiva tagħhom.

Emenda 355

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 103 – paragrafu 4 – subparagraphu 1 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

4. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS, jew minħabba li tali miżuri juru li m'humix adegwati, jew minħabba li l-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS jonqos milli jieħu azzjoni fi żmien raġonevoli, l-UCITS tkompli taġixxi b'mod li huwa ċarament ta' ħsara għall-interessi tal-investituri tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS jistgħu jieħdu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

Emenda

4. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS, jew minħabba li tali miżuri juru li m'humix adegwati, jew minħabba li l-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS jonqos milli jieħu azzjoni fi żmien raġonevoli, l-UCITS tkompli taġixxi b'mod li huwa ċarament ta' ħsara għall-interessi tal-investituri tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS jistgħu **konsegwentement** jieħdu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

Emenda 356

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 103 – paragrafu 4 – subparagraphu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jirreferu l-kwistjoni lill-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli.

Emenda

(b) **jekk ikun meħtieġ**, jirreferu l-kwistjoni lill-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli.

Emenda 357

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 103 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi fit-territorji tagħhom huwa possibl li jiġu serviti d-dokumenti legali meħtieġa għall-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Istat Membri ospitanti tal-UCITS fir-rigward ta' UCITS skont il-paragrafi 2 sa 4.

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi fit-territorji tagħhom huwa **legalment** possibl li jiġu serviti d-dokumenti legali meħtieġa għall-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Istat Membri ospitanti tal-UCITS fir-rigward ta' UCITS skont il-paragrafi 2 sa 4.

Or. en

Emenda 358

Harald Ettl, Donata Gottardi

Proposta għal direttiva

Artikolu 103 – paragrafu 5 a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implementazzjoni li jispeċifikaw il-modalitajiet biex id-dokumenti jiġu serviti mill-awtorità tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-kumpanija ta' maniġment.

Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 107(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-modalitajiet biex jiġu serviti d-dokumenti legali mhumiex armonizzati. Dan joħloq ostakli għall-infurzar kif suppost tal-liġi Komunitarja f'kuntest transkonfinali u huwa impediment serju għall-kisba ta' suq integrat bis-shiħħ tal-kapital tal-UE. Minħabba nuqqas ta' modalitajiet armonizzati, min jirċievi d-dokumenti legali maħruġa minn Awtoritatiet ta'

Sorveljanza Finanzjarja li d-domiċilju tagħhom qiegħed fi Stat Membru ieħor jista' jirrifjuta li jaċċetta d-dokumenti u jimblokka servizz validu. Minħabba li l-modalitajiet fl-UE 27 huma differenti, ikun meħtieġ ħafna ħin biex tinstab il-proċedura applikabbli.

Emenda 359

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 104 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Safejn huwa neċessarju għall-iskop tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' superviżjoni tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-kumpanija ta' maniġment għandhom jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-kumpanija ta' maniġment b'kull miżura meħuda mill-Istat *Membru* ospitanti tal-kumpanija ta' maniġment skont l-Artikolu 18 (6) li tinvolvi penalitajiet imposti fuq kumpanija ta' maniġment jew restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet ta' kumpanija ta' maniġment .

Emenda

2. Safejn huwa neċessarju għall-iskop tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' superviżjoni tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-kumpanija ta' maniġment għandhom jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-kumpanija ta' maniġment b'kull miżura meħuda mill-Istat *Membru* ospitanti tal-kumpanija ta' maniġment skont l-Artikolu 18 (6) li tinvolvi **miżuri u** penalitajiet imposti fuq kumpanija ta' maniġment jew restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet ta' kumpanija ta' maniġment .

Or. en

Emenda 360

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès, Astrid Lulling

Proposta għal direttiva

Artikolu 104 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-kumpanija ta' maniġment għandhom jinnotifikaw, mingħajr dewmien, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS dwar kwalunkwe problema identifikata fil-livell ta' kumpanija ta' maniġment u li taffettwa l-kapaċià tal-kumpanija ta' maniġment biex twettaq dmiri jieħha kif suppost

rigward il-fond u dwar kwalunkwe ksur tar-rekwiżiti skont il-Kapitolu III.

Or. en

Emenda 361

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 104 – paragrafu 2 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*2b. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat
Membru tad-domiċilju tal-UCITS
għandhom jinnotifikaw, mingħajr
dewmien, lilll-awtorità kompetenti tal-
Istat Membru tad-domiċilju tal-kumpanija
ta' maniġment dwar kwalunkwe problema
identifikata fil-livell ta' UCITS u li tista'
taffettwa l-kapaċċità tal-kumpanija ta'
maniġment biex twettaq dmiri ġietha
rigward il-fond kif suppost u li
tikkonforma mar-regoli applikabbi.*

Or. en

Emenda 362

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 111 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Referenzi għall-prospett simplifikat
għandhom jinftieħmu bħala referenzi
għat-tagħrif ewljeni għall-investituri
msemmi fl-Artikolu 73.*

Or. en

Emenda 363

Wolf Klinz, Donata Gottardi, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Artikolu 112 – paragrafu 1 a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta u tippubblika sa mhux aktar tard minn Lulju 2010, il-miżuri ta' implementazzjoni kif previsti fl-Artikoli 12, 14, 20, 30, 46 u 73.

Or. en

Emenda 364

Wolf Klinz, Jean-Paul Gauzès

Proposta għal direttiva

Anness I – skeda A – punt 1 – kolonna tan-nofs

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Informazzjoni li tikkonċerna l-kumpanija ta' maniġment.

*1. Informazzjoni li tikkonċerna l-kumpanija ta' maniġment **inkluża indikazzjoni dwar jekk il-kumpanija ta' maniġment għandhiex id-domiċilju tagħha fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS.***

Or. en